**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha 19 ta' April 2002**

**Numru 31**

**Citaz. Nru. 87/95 FDP**

**Stephen Fava u Francis P. Ebejer ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Fogg Limited u dina in rapprezentanza tas-socjeta` estera Avon Insurance PLC kif surrogati fid-drittijiet ta' l-assigurat taghhom Albert Falzon Santucci abbazi tal-ligi u tal-polza ta' assigurazzjoni, u l-istess Albert Falzon Santucci.**

**Vs**

**Catherine Borg; u b'digriet tat-13 ta' Lulju 1995 gew nominati l-Avukat Dr. Tonio Mallia u PL Davina Cachia kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil Catherine Borg; u b'digriet ta' l-24 ta' Ottubru 1995 gew estromessi l-kuraturi deputati Dr. Tonio Mallia u PL Davina Cachia, u Dr. Philip Manduca gie nominat bhala kuratur biex jirrapprezenta lil Catherine Borg.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tat-23 ta' Jannar 1995 fejn gie premess:

Illi waqt li Albert Falzon Santucci kien qed isuq il-vettura tieghu numru F-4198 minn mar-*roundabout* ta' Regional Road, Msida fid-29 ta' Jannar 1993 huwa safa involut f'incident awtomobilistiku mal-karozza Z-2336 li kienet misjuqa mill-konvenuta li qabdet u baqghet hierga minn singal "GIVE WAY", meta kien hemm vetturi ohrajn weqfin jistennew lill-attur Falzon Santucci jaqsam, kif kellu kull dritt li jaghmel u ghalhekk habtet mal-vettura ta' l-assigurat ta' l-attur liema vettura sofriet deprezzament sostanzjali fil-valur taghha u danni tieghu, l-attur l-iehor, ghal dawn d-danni skond kif kien obbliga li jaghmel ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni fl-ammont ta' Lm2120.10 kif ukoll Lm3.00 ghall-*police report*, Lm9.50 bhala *survey fees* u Lm30 *underseal* u l-attur l-iehor sofra *de proprio* id-deprezzament fil-vettura u kellu jhallas ghall-excess u kiri ta' vettura waqt li

tieghu kienet qed tissewwa – dan kollox kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenuta minhabba traskuragni, imperizja, negligenza, non-curanza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha;

Illi meta l-konvenuta giet mitluba tikkompensa lill-attur *nomine* u *proprio* hija baqghet inadempjenti;

Talbu ghalhekk l-atturi *nomine* u *proprio* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li din il-kollizjoni grat unikament tort tal-konvenuta minhabba negligenza, imprudenza, nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u non-curanza tal-konvenuta;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur *nomine* fis-somma ta' Lm2162.60 u *proprio* f'dik is-somma li tigi hekk likwidata bhala dovuta jekk ikun hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-attur *nomine* u *proprio* dik is-somma li tigi hekk likwidata globalment in linea ta' danni skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-imghax legali mid-data tal-pagament mill-attur nomine lill-assigurat tieghu u cioe` mill-14 ta' April 1994 u bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-

ittra ufficjali tat-28 ta' Novembru 1994 kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tat-23 ta' April 1996 ta' Dr Philip Manduca kuratur nominat biex jirraprezenta lill-konvenuta Catherine Borg fejn gie eccepit:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi Catherine Borg ma kinitx responsabbli ghall-incident *de quo* liema incident gara unikament minhabba tort u negligenza ta' Albert Falzon Santucci;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta, u l-lista tax-xhieda indikata;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Gunju 1996 li permezz tieghu gie nominat Dr.Thomas Abela bhala espert legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-rapport ta' l-espert legali li jinsab a fol 65 *et sequitur* tal-process u li gie debitament konfermat fl-Udjenza tat-18 ta' Novembru 1998;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Gunju 2000, wara rikors ta' l-attur Falzon Santucci li permezz tieghu gew nominati Joseph Zammit u Dr. Irene Bonello bhala esperti biex jirrelataw dwar l-allegat deprezzament fil-vettura;

Rat ir-rapport ta' l-imsemmija zewg esperti li jinsab a fol 139 *et sequitur* tal-process u li gie minnhom konfermat fl-Udjenza tal-5 ta' Ottubru 2001;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-incident mertu tal-kaz in kwistjoni sehh l-Imsida fid-29 ta' Jannar 1993. L-attur Albert Falzon Santucci kien qed isuq il-vettura Peugeot 405 numru ta' registrazzjoni F-4198 filwaqt li l-konvenuta Catherine Borg kienet qed issuq il-vettura Opel Kadett, numru ta' registrazzjoni Z-2336;

Illi Albert Falzon Santucci fl-affidavit tieghu spjega li huwa kien gej mid-direzzjoni ta' San Giljan u kien qed idur mar-*roundabout* ta' hdejn l-Imsida (kif kienet qabel ma saret il-mina) sabiex jaqbad Birkirkara bypass. Huwa xehed li kemm hu, kif ukoll xi vetturi ohra kienu weqfin jistennew it-traffiku tiela' mill-Imsida jieqaf.

Kif raw li kien waqfilhom it-traffiku minn Regional Road, hargu biex jaqsmu lejn il-bypass. *"Meta kwazi wasalt in-naha l-ohra, hassejt daqqa tremenda u hgieg itir min-naha tax-xellug tal-karozza tieghi."* Qal li bid-daqqa l-vettura tieghu daret mill-inqas disghin grad. Meta huwa ra l-vettura tieghu irrealizza li l-genb kollu taghha kien imdahhal 'il gewwa qisu laqtitu xi bomba;

Illi fil-konsiderazzjoni tal-fatti l-Qorti kellha toqghod fuq il-provi li tressqu mill-attur peress li l-konvenuta Catherine Borg fl-ebda stadju ma ppartecipat attivament fil-kawza; il-Qorti ghalhekk kellha tati piz qawwi lill-i*sketch* u x-xhieda tas-Surgent u anki r-ritratti esebiti li jwaddbu dawl fuq it-trajetorja taz-zewg vetturi;

Illi s-surgent PS 428 iddikjara li "*while car No F-4198 was crossing Regional Road to the direction to* B'Kara, *car No Z-2336 which was coming uphill in Regional Road on the inner lane accidentally hit car No. F-4198."* Kopja ta' l-iskizz tinsab a fol 10 tal-process. Kif spjega l-espert legali, wiehed ghandu jifhem li l-vetturi spiccaw fil-posizzjoni indikata peress li bid-daqqa daru disghin grad.

Ir-*Roundabout*:

Illi l-espert legali osserva li mhux ikkontestat li l-incident sehh fit-tidwir tat-toroq mar-*roundabout*. Huwa irrileva li fejn vettura tkun qed tersaq lejn *roundabout* huwa l-obbligu taghha

li tnaqqas is-sewqan taghha sabiex tkun fil-possibilita` li ccedi ghat-traffiku li jkun gej fuq il-lemin taghha. Dan ghaliex dawk li jkunu qed iduru mar-*roundabout* ghandhom id-dritta li jkomplu sakemm johorgu minn maghha. Zied jispjega li llum il-gurnata dan huwa assodat fil-prattika aktar minn qabel billi qed isiru sinjali ma' l-art li jinfurmaw lis-sewwieqa li ghandhom jieqfu u mhux jibqghu hergin, halli jcedu ghat-traffiku li jkun ga qed jopera mar-*roundabout*.

Is-sorpass minn gewwa:

Illi *di piu`* l-espert legali irrileva li hija konstatazzjoni ta' dritt li vettura qatt m'ghandha taqla' vettura ohra minn taht, ossia minn fuq ix-xellug taghha. Kull sorpass li jsir irid isir minn fuq il-lemin tal-vettura li ser tigi maqbuza, wara li jinghata preavviz adegwat ta' dan.

Konkluzjonijiet ta' l-espert legali:

Illi l-espert legali spjega li tenut kont tal-fatt li xejn ma gie kontradett mill-provi ta' l-atturi huwa ghandu joqghod fuqhom bhala veri. Huwa ikkonstata li l-konvenuta kienet tiela' t-telgha ta' l-Universita` b'velocita` eccessiva. Dan jidher kemm mill-forza ta' l-impatt fuq il-vettura ta' l-attur kif ukoll mill-mod kif daru l-vetturi. Il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni ta' l-espert legali li l-incident sehh bhala rizultat tal-manuvri hziena ta' Catherine Borg. Hija mhux

biss qalghet hazin, minn gewwa, imma jirrizulta bic-car li kienet wkoll ghaddejja b'velocita` eccessiva, u dan propju f'parti fejn hija kellha tnaqqas u sahansitra tieqaf sabiex il-vetturi li kienu qed iduru mar-*roundabout* u li kienu gejjin mil-lemin taghha jiehdu d-dritta taghhom.

Dwar id-danni:

Illi fid-dikjarazzjoni guramentata ta' l-atturi gie dikjarat li s-socjeta` attrici (is-socjeta` li hija surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Albert Falzon Santucci), hallset lil Falzon Santucci s-somma ta' Lm2120 ghad-danni u dan ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni. Hallset ukoll Lm9.50 kwantu ghas-*survey report* oltre Lm3 ghall-iskizz, u Lm30 *underseal*. Francis P. Ebejer, *claims manager* mas-socjeta` attrici fl-affidavit tieghu jikkonferma li l-istess socjeta` hallset l-Lm2120 ghad-danni, kif ukoll id-Lm9.50 u t-Lm3, u li ghalkemm interpellaw lill-konvenuta diversi drabi biex thallas baqghet inadempjenti. L-espert legali, wara li ezamina l-provi, inkluz l-ircevuti, il-kont tad-ditta li sewwiet il-vettura, ecc, ikkonkluda li l-ammont mitlub huwa dovut mill-konvenuta lis-socjeta` attrici surrogata fid-drittijiet ta' l-attur;

Illi Falzon Santucci talab ukoll il-hlas ta' Lm778.75 rapprezentanti spejjez tal-kiri ta' vettura in sostituzzjoni ghal tieghu waqt il-perjodu ta' tiswija. Dan l-ammont huwa konfermat bil-kont esebit a fol 43 tal-process, u jirrigwarda perjodu ta' 115-il jum. L-espert

legali kkonkluda li tenut kont tad-danni u tal-kwalita` taghhom kif ukoll tax-xhieda mhux kontradetta ta' l-attur Falzon Santucci, ma jarax ghalfejn it-talba m'ghandhiex tintlaqa';

Illi dwar it-talba da parti ta' Falzon Santucci ghall-hlas tad-deprezzament, il-Qorti ezaminat ir-rapport ta' l-esperti gudizzjarji Joseph Zammit u Dr. Irene Bonello. Dawn, sabiex jistabbilixxu d-deprezzament tal-vettura ta' l-attur hadu in konsiderazzjoni l-valur tal-vettura meta nxtrat, l-ammont ta' zmien li kien ghadda minn fuqha sa dak in-nhar ta' l-incident, u anke l-valur tar-*wreck*, u kkonkludew li Falzon Santucci ghandu jinghata Lm3,300 bhala valur tad-deprezzament tal-vettura tieghu.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta;

Tilqa' l-Ewwel Talba u tiddikjara li l-kollizjoni grat tort unikament tal-konvenuta Catherine Borg minhabba negligenza, imprudenza, nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u non-curanza tal-konvenuta;

Tilqa' t-Tieni Talba u tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici fl-ammont ta' elfejn, mija u tnejn u sittin lira Maltin u sittin centezmu (Lm2162.60) u ta' l-attur Albert

Falzon Santucci fl-ammont ta' erbat elef u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm4078.75);

Tilqa' t-Tielet Talba u tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' elfejn, mija u tnejn u sittin lira Maltin u sittin centezmu (Lm2162.60), u lill-attur Albert Falzon Santucci l-ammont ta' erbat elef u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm4078.75);

L-ispejjez ghandhom jithallsu mill-konvenuta, li ghandha thallas ukoll l-imghax dovuti lis-socjeta` attrici mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u l-imghax lill-istess attur Falzon Santucci mid-data tas-sentenza.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur